



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9544/21

ENFOPOL 217
JAI 680
SPORT 42
CT 76

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8648/21 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-vjolenza relatata mal-isport – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Ġunju 2021)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-vjolenza relatata mal-isport, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3799 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Ġunju 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-VJOLENZA RELATATA MAL-ISPORT**

1. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-oġġettiv tal-Unjoni Ewropea huwa, fost affarijiet oħra, li ttipprovdi liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, billi tiżviluppa azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija kif stabbilit fit-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, filwaqt li tkompli tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali,
2. FILWAQT LI JFAKKAR li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2021-2025 tenfasizza l-hteġa li jiġi indirizzat it-terroriżmu u tiġi ostakolata r-radikalizzazzjoni, tiġi sfrattata l-kriminalità organizzata u tiġi miġġielda ċ-ċiberkriminalità,
3. FILWAQT LI JQIS il-prijoritajiet strateġiċi u l-prinċipji gwida tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi li jinsabu fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024, il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2021-2025, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija ta' Diċembru 2020, id-Deċiżjoni ta' Prüm (2008/615/ĠAI), u l-Manwal tal-UE dwar il-Futbol tal-2016²,

¹ Konvenzjoni ta' Prüm (10900/05); kif ukoll, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal aġġornat b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wiehded (12795/16 - ĠU C 444, 29.11.2016, p. 1–36); Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' vjolenza u diżordnijiet b'rabta ma' loġġbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wiehded, permezz tal-adozzjoni ta' prattiki tajba fir-rigward tal-kollegament tal-pulizija mal-partitarji (12792/16); Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-ispejjeż biex jiġu ospitati u skjerati delegazzjonijiet ta' pulizija tal-pajjiż viżitatur b'rabta mal-partiti tal-futbol (u avvenimenti sportivi oħra) b'dimensjoni internazzjonali, li fihom ikun involut tal-anqas Stat Membru wiehded (12791/16); Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-użu mill-Istati Membri ta' projbizzjonijiet għall-aċċess għal postijiet tal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (2003/C 281/01); Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà b'konnessjoni ma' loġġbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali (2002/348/ĠAI, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/412/ĠAI);

² Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal aġġornat b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wiehded ("Manwal tal-UE dwar il-Futbol" - 2016/C 444/01)

4. FILWAQT LI JFAKKAR li l-isport, u b'mod partikolari avvenimenti sportivi ewlenin, jirriflettu l-prospertà, jippromwovu l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-valuri, u jikkorrelataw direttament mal-benessri u l-iżvilupp tas-soċjetà Ewropea u ċ-ċittadini tagħha,
5. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-avvenimenti sportivi fil-kuntest soċjali, ekonomiku, kulturali u politiku, u FILWAQT LI JENFASIZZA l-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji, l-inizjattivi soċjali u kulturali tal-Istati Membri, kif ukoll fuq il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li ser ikollhom jadattaw l-istrateġiji ta' sigurtà tagħhom għal dan l-ambjent ġdid fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali,
6. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li l-avvenimenti sportivi jirrappreżentaw f'termini ta' laqgħat tal-massa li jlaqqgħu flimkien ħafna partitarji minn pajjiżi differenti, li s-sikurezza, is-sigurtà u s-saħħa tagħhom jenħtieġ li jkunu prijorità għal kulħadd,
7. FILWAQT LI JFAKKAR li l-Unjoni Ewropea spiss u ripetutament tospita diversi avvenimenti sportivi kbar b'dimensjoni internazzjonali, li fosthom l-UEFA Champions League u l-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tal-UEFA huma popolari ħafna u importanti fil-kuntest tal-isport globali,
8. FILWAQT LI JENFASIZZA l-fatt li l-mudell il-ġdid magħżul mill-UEFA għall-kampjonat UEFA EURO li jmiss (Ġunju-Lulju 2021) joħloq, fih innifsu, sfida unika għas-sigurtà, peress li l-kompetizzjoni ser issir fi 11-il belt Ewropea fl-istess ħin,
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-EUROPOL li tappoġġa lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi,

IL-KUNSILL:

10. JENFASIZZA li l-organizzaturi ta' avvenimenti ewlenin, kemm jekk ikunu politiċi, kulturali jew relatati mal-isport, li jseħħu matul il-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li jkomplu jadottaw miżuri u proċeduri li jipprevjenu t-tixrid tal-virus fost l-atturi kollha involuti: il-pubbliku ġenerali, it-timijiet, ir-referis, il-maniġers u l-koordinaturi tal-avvenimenti, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni ċivili, il-persunal mediku u ta' emerġenza, il-persunal tas-sigurtà privata, il-media u persunal ieħor,
11. JENFASIZZA r-rilevanza tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u l-iskambju ta' informazzjoni fl-iżgurar ta' kompetizzjoni sikura u sigura tal-UEFA EURO 2020, inkluż permezz ta' pjattaformi diġitali, b'mod partikolari peress li l-partiti skedati ser iseħħu f'għadd kbir ta' bliet Ewropej,
12. JENFASIZZA l-fatt li sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali effettiva, daww l-Istati Membri li jirċievu l-assistenza ta' spotters mibgħuta minn Stati Membri oħra jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jindikaw id-daqs u l-kompożizzjoni mitluba ta' tali skjeramenti kif ukoll il-proċeduri applikabbli. Dan jenħtieġ li ma jipprekludix kwalunkwe aġġustament sussegwenti li jirriżulta minn valutazzjoni dinamika tar-riskju,
13. JIRRIKONOXXI li l-monitoraġġ tal-moviment tal-partitarji tar-riskju (jiġifieri potenzjalment problematiku) fl-Istati Membri kollha jista' jkun vitali sabiex jiġu ostakolati d-diżordni pubbliku u l-attività kriminali assoċjata, minkejja n-nuqqas tal-pubbliku ġenerali fil-postijiet sportivi. Il-Kunsill għalhekk JINKORAĠĠIXXI kooperazzjoni internazzjonali effettiva permezz tal-iskjerament ta' *spotters speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi kif ukoll uffiċjali ta' kollegament oħra fiċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija*, anke jekk avveniment sportiv iseħħ mingħajr ma jattendi l-pubbliku ġenerali.

14. JIRRIKONOXI li, fid-dawl ta' diversi inċidenti reċenti ta' vjolenza relatata mal-isport li jinvolvu partitarji riskjużi f'għadd ta' pajjiżi Ewropej, huwa kruċjali li din il-kwistjoni tiġi indirizzata mhux biss fil-kuntest ta' stadji sportivi u postijiet sportivi oħra, iżda wkoll fil-kuntest ta' attivitajiet oħra relatati ma' dan il-fenomeni. Għalhekk, sabiex jiġu evitati u mitigati inċidenti potenzjalment perikolużi, il-Kunsill IQIS li huwa rilevanti li tiġi indirizzata l-kwistjoni billi jiġi adottat approċċ olistiku. L-ambitu tal-miżuri preventivi jenħteġ li jitwessa' biex ikopri postijiet li mhumie x ċentri sportivi, li jattiraw għadd sinifikanti ta' partitarji u għalhekk jistgħu jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà. Il-miżuri preventivi tal-pulizija f'postijiet bħat-trasport pubbliku, l-ajruporti, il-lukandi, iċ-ċentri ta' taħriġ, il-postijiet użati minn timijiet u referis, żoni ta' divertiment ta' billejl u spazji pubbliċi oħra huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali ta' avvenimenti sportivi ewlenin.
15. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-qafas tal-avvenimenti sportivi internazzjonali, speċifikament bejn dawk direttament responsabbli għas-sikurezza, is-sigurtà, il-manutenzjoni u l-ġestjoni ta' avvenimenti sportivi ewlenin,
16. JENFASIZZA l-importanza li jiġfassal rapport finali u evalwazzjoni tat-turnew, li jenħteġ li jitqassmu fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, permezz tal-NFIPs u l-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti maħluqa għal dan il-għan. Il-fokus tar-rapport jenħteġ li jkun fuq kwistjonijiet ta' sigurtà pubblika u ta' infurzar tal-liġi u jenħteġ li jippromwovi dibattitu dwar is-sigurtà identifikata, inkluż il-vulnerabbiltajiet u d-diffikultajiet relatati mal-COVID 19,
17. JENFASIZZA l-importanza li jiġu protetti l-ispazji pubbliċi matul avvenimenti sportivi ewlenin, kif ukoll li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' spazji privati li huma miftuħa għall-pubbliku, jiġifieri permezz tal-implimentazzjoni ta' kunċetti ta' sigurtà fid-disinn kif ukoll l-użu ta' sistemi ta' sorveljanza u ta' identifikazzjoni li jinkorporaw l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali,
18. JISTIEDEN lill-Istati Membri, permezz tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tagħhom, biex ikomplu jimmonitorjaw il-kontenut online, bil-ħsieb li jiġi evitat u mitigat it-tixrid ta' messaġġi li jinċitaw il-vjolenza, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-ksenofobija,

19. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Istati Membri jżidu l-valutazzjoni tar-riskju tal-partitarji riskjużi, speċjalment dawk b'ideoloġiji estremisti, sabiex jidentifikaw, jipprevjenu u jillimitaw l-attività ostili u kriminali possibbli matul avvenimenti sportivi internazzjonali. Il-Kunsill għalhekk JIKKUNSIDRA li l-kooperazzjoni bejn pulizija bid-dmirijiet ta' spotting u l-investigazzjoni tal-kriminalità kif ukoll il-prevenzjoni/il-viċinanza tal-pulizija jenħtieġ li tissaħħaħ sabiex tiġi promossa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti,
20. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u n-networks tal-infurzar tal-liġi tal-UE u l-gruppi ta' esperti tal-Kunsill tal-Ewropa, sabiex tiġi ostakolata l-vjolenza relatata mal-isport u biex jiġu indirizzati r-razziżmu, il-ksenofobija u l-estremiżmu fost il-partitarji,
21. Fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija, JIMPENJA RUĦU li jappoġġa u jsaħħaħ il-gruppi ta' ħidma esperti li għandhom l-għarfien espert rilevanti tal-pulizija fi ħdan l-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-vjolenza u l-estremiżmu relatati mal-isport, iżda wkoll madwar id-dinja kollha f'dak li għandu x'jaqşam ma' avvenimenti sportivi kbar f'kollaborazzjoni mal-INTERPOL.
22. JISTIEDEN lin-network tal-NFIP, appoġġat mill-Europol, biex ifassal u jippreżenta rapport annwali dwar il-valutazzjoni tat-theddid u l-vjolenza assoċjata ma' avvenimenti relatati mal-isport.
23. JENFASIZZA l-importanza tar-rwol tal-NFIPs³ bħala l-punti ta' kuntatt ċentrali diretti għall-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija u għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija b'rabta mal-partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali. IFAKKAR lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-NFIP tagħhom ikollu biżżejjed riżorsi biex iwettaq il-kompiti assenjati.
24. Peress li skont l-esperti d-Deċiżjoni tal-Kunsill 348/2002 teħtieġ aġġornament sabiex jiġu riflessi l-aħjar prattiki attwali u l-approċċi tal-pulizija, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkollabora mill-qrib man-network tal-NFIP u tesplora l-possibbiltà li tippreżenta proposta leġiżlattiva adatta.

³ Il-Kummissjoni Ewropea qed tappoġġa n-network tal-NFIP permezz tal-proġett "NFIP Network: Event Policing & International Cooperation EURO 2020" (deċiżjoni ta' għotja: EAC-2018-0474).